# Niġru Ġrajja

ĦARĠA 01 - AWWISSU 2023

Meta s-sena l-oħra l-Kunsill Malti għall-Arti fetaħ sejħa għal proġetti għall-*Premju tal-President għall-Kreattività,* moħħna ġera mill-ewwel fuq proġett li jpoġġi l-kelma fil-qalba. Inizjamed, matul il-25 sena tagħha dejjem iċċelebrat it-tħaddim tal-kelma fil-modi varji tagħha, u għalhekk ħsibna ftit ieħor u rrealizzajna li kelma ħdejn kelma għandha l-poter li ssensel ġrajja u ħafna għandhom il-ħerqa li jwasslu ġrajjiethom.

Meta ħsibna ftit ieħor, irrealizzajna li minkejja din il-ħerqa ta' ħafna mhux kulħadd għandu l-opportunità u l-għarfien li jesprimi dak li jgħaddi minnu fi ġrajja. Kultant inwaqqfu lil ċerti nies f'nofs dak li għandhom il-ħerqa jgħidu. Daqstant ieħor, mhux kull individwu jingħata ċ-ċans li anki li wara li għeleb l-ostakli u rrakkonta ġrajjitu, din il-ġrajja titwassal għand ħaddieħor. Għalhekk, ħsibna tikka oħra u ħloqna pjan biex niltaqgħu ma' immigranti, tfal u anzjani, u permezz ta' workshops nippermettu li ġrajjiethom joħorġu u jaslu għand tant nies hemm barra.

Matul il-workshops tul l-ewwel xhur ta' dis-sena, il-ġrajjiet l-ewwel li ħarġu, oralment. Wara, min ħassu ftit aktar komdu, niżżilhom fuq karta, u minnhom għandna din il-gazzetta ċkejkna. B'hekk, issa f'isem il-proġett, nistgħu niġru bdawn il-ġrajjiet mal-erbat irjieħ. F'din il-gazzetta għandna stejjer ta' persuni li rrakkontaw l-imgħoddi, imgħoddi li llum jinħass tant 'il bogħod li kważi ntesa. Għandna stejjer ta' anzjani li meta kienu tfal intalbu jieħdu ħsieb lil ħuthom daqslikieku kienu adulti, stejjer ta' persuni li llum jinsabu f'komunità li ppermettitilhom jitkellmu fuq l-imħabba li kellhom lejn kreatura b'erba' saqajn meta kienu għadhom f'darhom. Magħhom, xi esperjenza jew tnejn umoristika. U mbagħad għandna wkoll stejjer ta' min beda jaqsam magħna din l-art ftit żmien ilu, u għalhekk għandu għajnejn ġodda għall-użanzi ta' din l-art. Oħrajn tarrfulna fuq il-kumpassjoni u xi tfal urewna s-simpatija tagħhom lejn oħrajn billi fil-ġrajja tagħhom ħolqu mostru li ma jistmerruhx, anzi ħabib tagħhom għax dan flok jiekol il-ħut, jilgħab magħhom.

Fl-aħħar mill-aħħar, l-umanità dejjem irrakkontat il-ġrajjiet. Ħafna drabi imma l-ġrajjiet twasslu minn min kellu xi tip ta' setgħa. Fl-ewwel sena ta' *Niġru Ġrajja*, nittama li ħloqna ambjent li fih kulħadd seta jwassal ġrajjietu, leħnu nstema', u bħal kif isem jagħti identità lil persuna, dawn il-kitbiet ifakkru l-kwalitajiet u l-eżistenza ta' min kitibhom.

***Jean Paul Borg***



**Rabat.**
That morning, we walked like newborn children.
The Mediterranean blew bubbles in our ears, waves.
We returned, ghostlike circling catacombs of St Paul's mysterious abode.
Beneath this ground's vibrating walls, ripples of Arabic music linger, and shadows drape the sky blue and white. We were home.
An older woman circles an ancient church. Is she looking for something lost?
We were Sweating under the canopy of another country—a Heatwave reminiscent of a desert crossing.
And we gathered on Roundtable, Colombia, Brazil, Sudan, Nigeria, Wales, and Cameroon.
Answer me. Which of us is born in the desert, and which on alluvial soil?

Coming back to Malta was an overwhelming experience. These exchanges in culture are what bring the world together. We navigated creative spaces, sharing stories about place, memory, and language. We shared stories and joked about the millipede, the stick insect and one thousand shoes. I would love to take a moment to say thank you for arranging such workshops. They go a long way in healing the world. . . . ***Eric Ngalle Charles***



X'taqbad tagħmel meta jkollok ħames sigħat ma' ħamest itfal-kważi-żgħażagħ li qatt ma tkun iltqajt magħhom qabel? X'taqbad tikteb? Tivvinta? Toħloq? Tista' forsi tiġri ġirja, imma mhux fis-sajf. Tista' ssajjar jew iddoqq jew taqra. Jew tiġri ġrajja. Kif? X'jiġifieri tiġri ġrajja? Jiġifieri taqbad oġġett li hu għal qalbhom u tħallihom jgħidu storja fuqu. Fuq l-ewwel darba li qabad kitarra b'idu jew l-ewwel darba li xxuttja dal-ballun u mhux l-ieħor ... Hemm tant stejjer maħżunin fit-tbissima minn taħt, hemm tant ġrajjiet mistura f'boqqa ilma friska wara l-ħamsa, hemm tant ċajt mistoħbi fil-ħarsa li trid tgħidilna "ibqgħu tikka oħra u tmorrux u jekk se tmorru qisu li terġgħu tiġu". Li nerġgħu mmorru qatt ma kienet għażla, possibiltà. Kienet sempliċement kmand li tajnieh widen. U issa, xi mkien fil-kurituri ta' dar b'ħafna djar iżgħar, għad hemm ir-raġel griż irid jistenbaħ, ir-riħa friska ta' pizza tixpakka mill-ifran u ħafna u ħafna stejjer oħra qed jinħmew ... togħma ta' sajf. . . . . . . . . . ***Leanne Ellul***



Meta bdejt l-ewwel workshops ta' kitba esperimentali mal-anzjani fl-2017, niftakar sewwa lil anzjana minnhom li qaltli li kienet qamet fil-ħamsa ta' filgħodu biex tikteb paragrafu dwar li konna tkellimna, u li kienet ilha snin ma tikteb xi ħaġa. Minn hemm bqajt nipprova nagħmel workshops mal-anzjani għax nemmen bi sħiħ li dawn joffru opportunità mhux biss ta' soċjalizzazzjoni, ta' validazzjoni tal-esperjenzi ta' dawn il-persuni u tal-ħajja rikka tagħhom, imma għax ukoll iservu ta' mezz li bihom iħossu sens ta' benessri u sens ta' posterità permezz tal-kitbiet tagħhom. L-istess ġara din id-darba fi ħdan il-proġett *Niġru Ġrajja*. Kull grupp hu uniku, bħal kull parteċipant, imma s-sens ta' ħerqa u forsi wkoll urġenza biex jirrakkontaw l-istejjer tagħhom, jibqa' dejjem qawwi u jdamdam. Grazzi Inizjamed! . . . . . . . . . . . . ***Priscilla Cassar***



Tul din is-sensiela ta' workshops il-parteċipanti setgħu jesploraw u jesperimentaw b'għodod differenti ta' kif jinbena rakkont, mill-personaġġ individwali sad-dinamiċi li minnhom joħorġu deskrizzjonijiet ħajjin ta' post u xenarju. Filwaqt li kull workshop kien iffukat fuq sett ta' għodod partikolari, il-qafas prinċipali li libbes kollox kien wieħed misluf mill-kartografija, eżerċizzju msejjes fuq erba' mistoqsijiet loġiċi li jsegwu ma' xulxin u li jorbtu kemm mal-individwu kif ukoll mad-dinja ta' madwaru, kemm dik li ġej minnha kif ukoll dik tal-ġejjien.Il-mistoqsijiet-bażi servew biex jixprunaw lill-parteċipanti jirrakkontaw mnejn ġew u kif waslu, jiddeskrivu n-nies u l-postijiet li ltaqgħu magħhom u l-impatt li dawn ħallew fuqhom. Il-parteċipanti kellhom l-opportunità wkoll jiddeskrivu l-impatt tal-assenza ta' dawn in-nies u l-postijiet li ltaqgħu magħhom u ħallew. Fl-istess waqt, tul il-workshop serva wkoll biex il-parteċipanti joħolqu ritratti u awtoritratti letterarji li jirriflettu l-istat tal-persuna fil-preżent u fil-ġejjien. Biex iseħħ dan intużaw ukoll xi ritratti u siltiet mużikali u awdjo maħsuba biex iqanqlu tifkiriet u ħsibijiet assoċjattivi. Tul il-workshops, il-parteċipanti setgħu jaqsmu r-rakkonti tagħhom u jisimgħu tal-oħrajn. . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . ***Glen Calleja***



## The Village

And the village was squatting in
the middle of the plain
And it was the bullets that were ploughing the field
And we were so hungry we were eating only bullets!
Time was such that
eye sockets were missing their eyes,
Eyes for landscapes,
Landscapes for defenseless.
And there were people living in
us that we didn't know!
A little further,
Right in the dry sleep of grasses
They were chewing gum together
The herd of cows!

## The silent century

All world wars
start with a bullet,
All love with a smile,
Human with a kiss,
And I started with the smile of your kiss.
In a land where
Birds are in the dirt to their throats,
Soil singing the canary's song!
In the land of locks
I give you my soul's key
Because every human is a door
Which opens to another door
Hold my hand
A little beyond my veins
Borders are in pain.

*Dariush Beritan*

Mas-sebgħa ta' filgħodu daqq l-iżverjalin u jien qomt maħsud. Ftakart li llum kelli l-iskola u għalhekk kelli nqum mis-sodda, nilbes u nieħu l-kolazzjon. Meta nżilt, ħsilt snieni u lbist il-basket. U bqajt hemmhekk nistenna. Il-vann ma ġiex għalija u għalhekk kelli nimxiha.

Wasalt l-iskola għajjien mejjet. Filgħodu kelli l-Maths, l-Ingliż u l-Malti. Kif wasal il-brejk, fil-basket sibt ikel li xhin rajtu ma tantx għoġobni għax ħsibt li m'għandux togħma tajba. Imma kelli nieklu xorta waħda. Wara li kiltu, indunajt li kien vera tajjeb.

Kelli lezzjoni tal-mużika u vera ħadt gost. Il-burdata tiegħi nqalbet minn taħt għal fuq. Waqt li filgħodu ħsibt li se jkolli ġurnata ħażina, f'salt wieħed il-ġurnata kellha nota tajba, bħan-nota li daqqejt fuq it-tnabar … waqt il-lezzjoni tal-mużika!

*Luca*

## Ħajti

Jiena Emilia, xebba ta' 79 sena miż-Żurrieq. Twelidt iż-Żurrieq u bqajt noqgħod iż-Żurrieq. Fil-familja konna ommi u missieri, sitt subien, u tifla waħda, li hija jien. Domt nieħu ħsieb lil ommi sentejn u nofs meta kienet fil-wheelchair. Kull nhar ta' Ħadd kont noħroġ mal-ħbieb u mmorru Tas-Sliema jew Marsaskala. Ġieli wkoll morna ġurnata Għawdex. Jien u l-ħbieb sifirna ħafna postijiet u morna żewġ cruises madwar il-Mediterran, il-Greċja u t-Turkija. Jiena bniedma retta – irrid kollox sew. Meta kelli ħames snin kont immur l-iskola tas-sorijiet, u mbagħad meta għalaqt sitt snin bdejt il-primarja, u meta kelli erbatax-il sena ħriġt mill-iskola. Għandna żewġ festi ż-Żurrieq – tal-Madonna tal-Karmnu u Santa Katerina.

*Emilia Camilleri*

## Ħajti

Jiena Louis Saliba, twelidt fl-1938 u meta kelli ħames snin kont immur il-Mużew biex wara nkun nista' nagħmel l-ewwel tqarbina. Għamilt l-ewwel tqarbina u wara għamilt il-Griżma tal-Isqof ukoll. Kont immur l-iskola privat il-Marsa, tal-Mużew. Fl-1953, dħalt ittarzna bħala apprentist. Wara sitt snin sirt ħaddiem regolari u ħadt il-full-pay. Sena wara laqtitni l-marda tal-paraliżi u ħaduni 28 ġurnata Lażżarett, fejn ħadd ma kien jista' jidħol ħdejja. Kont nikkomunika biss bl-ittri, li kienu jiġu ppurfumati biex ituhom lil missieri għax tal-familja ma kinux jistgħu jidħlu ħdejja. Meta ħriġt mill-isptar ta' Lażżarett, kont immur l-isptar tal-Furjana biex jagħmluli l-messaġġi u kienu jagħtuni x-xokkijiet f'wiċċi.

Fl-1962 mort l-ewwel darba Londra. Wara din l-ewwel mawra, bdejt immur f'din il-belt ta' spiss minħabba li t-tifla ż-żgħira tiegħi kient taħdem l-Air Malta u għalhekk għal stand-by ticket konna nħallsu ħames liri biss. Ma konniex indumu ħafna, nagħmlu tlett ijiem u niġu lura, wara li nkunu xtrajna ħafna affarijiet. Darba minnhom dħalna ġo ħanut u lit-tifla serqulha 200 lira. Wara li għamilna rapport lill-pulizija u ħadilna l-particulars, qalulna li ma jistgħux ilaħħqu mas-serq li hemm f'din il-belt. Konna nċemplu biss biex jaraw kif aħna. Wara din il-burraxka ħadna t-tagħlima u meta konna nsiefru konna ninxurjaw lilna nfusna.

*Louis Saliba*

## Boat's eyes

I never imagined that a Japanese girl would be my best friend in Malta. We walked all over the island, talking about different cultures and joking all the time. Once, we were walking around Marsaxlokk and when we saw a typical Maltese boat she asked me, "Do you know why boats have one eye?"

I didn't know and was probably waiting for another prank.

"In order not to get lost at sea, they can see the way back home," she said.

I laughed and said, "But this boat needs glasses and a cane because it looks old." I put on my voice like an old man and said, "Where are my glasses? Oops, I think I see land over there. We're almost there!" My Japanese friend was very serious and asked why I was laughing. "Because a boat with eyes is so much fun!" And she said, "But it's true. My son is a fisherman and I feel afraid every time he goes to sea."

I immediately understood that she was relying on it even though she told me before that she had no religion or any kind of belief.

*Aldemar Solano Peña*

Qomt ngħajjat kemm niflaħ imma ma kien hemm ħadd. Dakinhar rajt film tal-biża'. Kien hemm mostru daqs qarnita kbira u kien qed joqtol in-nies. Il-kulur tiegħu kien oranġjo.

Waqt li kont qed nara l-film bdiet nieżla xita qliel. Tgħidx kemm bdejt nibża' u tgeddist taħt il-liżar. F'daqqa waħda rajt xi ħaġa tgħaddi mill-kuritur. Kienet oranġjo u kienet tixbah lill-mostru tal-film. Imbagħad tlaqt 'il barra. Ix-xita baqgħet nieżla imma jien ma qtajtx qalbi. Bqajt niġri sal-Ħamrun u qtajt nifsi. Ma kienx mument li rajt film tal-biża' għax ixxarrabt minn rasi sa saqajja. Dak il-ħin iltqajt mal-mostru!



Kien tajjeb. Qalli li jgħix taħt l-ilma u kien iħobb jilgħab bil-ħut. "Jien ma nħobbx il-ħut biex nieklu," qalli l-mostru. "Tgħidx kemm nitħassru!"

Darba qalli li kienu jgħixu t-tfal miegħu u xi darba qalli li se jeħodni fejn jgħix hu. Min jaf meta?

*Jakeston*

## Kullu

Għandi kelb fox-terrier jismu Kullu. Semmejtu għall-familja tagħna għax aħna Coleiro. Darba waħda, meta Kullu kellu xi seba' xhur, jien kont fil-bitħa nirranġa l-bieb tal-kċina. Kullu kien fuq il-bejt u malli rani, ġera lejja, waqa' t-tliet sulari u għadda mill-bieb li kont qed nirranġa.

Ħadtu għand il-vet u qalli li siequ miksura. Il-vet tani l-parir li l-kelb għandi nraqqdu. Ħuti li wħud minnhom kienu jgħixu miegħi qablu miegħu. Imma jien ma qbiltx. Għidt Kullu jħobb il-ħajja u żgur li jippreferi jgħix bi tliet saqajn milli ma jgħix xejn.

Dan ġara ħmistax-il sena ilu, u Kullu għadu jgħix sal-lum.

Dan Kullu, daqskemm iħobb il-ħajja, iħobb lil ħutu klieb oħra. Darba kont ma' Kullu f'għalqa fejn kont nieħdu biex joqgħod jiġri u jżomm ruħu attiv. Darba kien 'il bogħod u bdejt ngħid jien qed nara sew, Kullu qisu għandu żewġt irjus? Imxejt lejh u indunajt li hemm żewġt iklieb, it-tnejn fox-terriers. Mid-dehra xi ħadd abbanduna lil dan il-kelb f'nofs għalqa u Kullu għamel ħabib ġdid. Illum, Monkey qed jgħix ma' Kullu, u ma jgħaddux mingħajr xulxin.

*George Coleiro*

## L-imħabba ta' kelb għal sidu

"No man is an island." Veru, il-bniedem ma jistax jgħix waħdu f'din id-dinja. Imma kultant issib ruħek b'xi kelb jew qattus li veru jafu jħobbu u jagħtuk wens kbir. Dan il-kelb li kelli kien meravilja, speċjalment kif kien iġib ruħu miegħi. Kien iħobbni immens, ma kienx iħallini minuta. Dejjem jilgħab miegħi u jaqbeż biex jagħtini bewsa. Meta jsir il-ħin biex norqu, kont ngħidlu, "Tommy, immorru norqdu" u kont tarah jiżżegleg għal ġo kamartna. Kien l-ewwel jiġi ħdejn wiċċi biex jagħtini bewsa, u wara kien imur ħdejn saqajja biex jorqod. Malli jħossni niċċaqlaq kien iqum jiġri għax jaħseb li qomt. Nagħlaq għajnejja u jerġa' jmur jorqod. Il-mossi tiegħu veru kienu qishom ta' bniedem u l-imħabba tiegħu bħal ta' bniedem li jifhmek f'kollox. Meta beda jikber fiż-żmien beda jħossu għajjien u dejjem irid iżjed ħin għal kollox. Kellu difett wieħed – meta jkun imissu li jieħu banju kien dejjem jaħrabli, u jien minħabba l-uġigħ li kelli f'saqajja dejjem kont nibża' li għad iwaqqagħni xi waqgħa.

Imma l-imħabba li kellu lejja ma nista' ninsieha qatt. L-akbar daqqa ġo qalbi kienet meta f'Ġunju ta' tliet snin ilu żviluppatlu qisha sogħla. Għall-inqas jien hekk ħsibt, u filgħaxija wara nofsinhar kont sejra għand il-vet bih. F'xi nofsinhar kont qed nistrieħ, u hu ħareġ ġol-bitħa u beda jisgħol iżjed. Sejjaħtlu biex jiġi ħdejja, u mexa b'ħarsa ta' ħniena lejja. Poġġa fuq it-tapit ta' ħdejn is-sodda u flok bħas-soltu qagħad iħares lejja, ħares in-naħa l-oħra. Mingħajr ma indunajt kien qed jieħu l-aħħar nifs.

*Francis Ghigo*



"Compassion is a healing to a wounded heart." Putting yourself in my shoes will only make you feel my pain but it will never make you understand my pain.

One day a lady was found in the middle of the forest, crying like a lost child. The forest guards Pity, Empathy and Compassion had no idea how to make this lady stop crying or go back home, so they decided to take turns to try comforting the lady. Even Compassion, the youngest guard, whose name is hardly ever mentioned, who is known by very few people and is rarely asked to help, agreed to support the others.

The first to approach the lady was Pity. As the lady looked up and saw him approaching she continued to cry, screaming "I just broke my toes, I cannot walk back home." As Pity got there, he replied, "Oh my dear, I am really sorry, it looks really bad." When the lady heard that, she continued to scream on the top of her voice. Pity got bored and went back home.

Then, Empathy approached the lady, and again as the lady saw him approaching she cried out "I just broke my toes and I cannot go home." Empathy went closer to her and sat by her looking into her eyes and told her, "I can't imagine the pain you're feeling right now, but I got some plaster to cover the wound." He brought out the plaster and covered up her wound. He then asked her, "Is there any particular reason why you cannot go home, apart from the fact that your toes are broken?" The lady replied, "No" because she did not trust him. Empathy replied, "Do not worry, if you need anything, just let me know, I am here for you." He left, but as soon as the sun began to set down, the lady's cry grew even stronger and louder. At that moment, Empathy realized that perhaps her pain wasn't coming from her broken toes or maybe she needed more than empathy.

The last to approach the lady was Compassion. As soon as the lady saw him coming she started crying again "My toes are broken and I cannot go home." Compassion stopped for few seconds, and said to himself, "It seems her problem is how to go home. Why is that?" He took a deep breath in and moved closer to the lady, sat next to her and told her, "My dear, you seem really afraid to go back home with broken toes." The lady did not respond, she turned her face looking away, but Compassion still talked to her again. He stood up and told her, "Listen dear." This did the trick as the lady turned to look at him. Having the lady looking at him, he cleared his throat and told her, "Give me your hand." The lady started trusting him and she gave him her hand. With her hand in his hand, Compassion told her, "Let me help you to stand on your feet." As he helped her, he looked into the lady's eyes and quietly told her, "Let me walk you home, do not be afraid, I will walk side by side, holding your hand till you arrive home."The lady burst into tears again, but this time these were tears of joy. She then hugged Compassion and told him "You have healed my wounded heart, thank you".

*Precious Orogun*

## Il-Maħbuba Tiegħi

Il-maħbuba illi għandi
bħalha żgur ma ssib imkien
għandha ġilda fina w roża
illi tibqa' tul ta' żmien.

Għandha ħwejjeġ bil-bizzilla
tal-ħarir u tas-satin
u dufrejha dejjem ħomor
par xuftejn qishom peprin.

Ix-xagħar tagħha tal-artisti
bil-gardenia bajda tfuħ
u kull meta nkun ħdejha
tassew jiena nieħu r-ruħ.

Par għajnejn għandha ċelesti
u l-imnieħer żgħir grazzjuż
wiċċha għandha bħal tal-pupi
li jistiednek lilu tbus.

Hi fil-banju tuża fwejjaħ
li jinxtamm xi ftit mill-bogħod
u xħin jiena nersaq lejha
ta' kull darba jien nirtogħod.

U xħin forsi tkun imdejqa
xi ftit biss u mhux kuljum
hemhekk inti trid tara lili
kemm inżiegħel biha ndum.

*Joseph Scerri*

Li kieku sieħbi kellu jsir għasfur, x'nagħmel jien? Ħeqq! Kieku ninkwieta ħafna għalih għax nibża' li xi darba xi kaċċatur jisparalu. Min-naħa l-oħra, ikun tal-ġenn li sieħbi jkun għasfur għax ikun jista' jeħodni miegħu fis-sema u nkun nista' ntir fis-sħab.

Darba waħda, għidt bejni u bejn ruħi li waqt li ommi



tkun rieqda, jiena mmur fis-sħab ma' sieħbi l-għasfur. U fil-fatt morna! Hemmhekk, rajna aljen. Fraħt ħafna meta rajt l-aljen u dan ħadna fl-ispazju. Wara xi tliet sigħat miegħu, l-aljen għosfor u m'erġajtx rajtu imma xorta kont kuntent li ltqajt miegħu. Ftit nies qatt iltaqgħu ma' aljen.

Wara, jiena u sieħbi l-għasfur morna norqdu qabel il-mamà reġgħet qamet. Imma l-mamà mhux veru kienet rieqda. Kienet qed tistennieni u għaddiet minn quddiemi u ħadt qatgħa żul minn hemm.

*Justin*

## Imħabba antika

Daqs sittin sena ilu, aħna l-ġuvintur u t-tfajliet konna nqattgħu l-filgħaxijiet tagħna nippassiġġaw fi Strada Rjali, il-Ħamrun.

Fost it-tfajliet li kienu jkunu jippassiġġaw kien hemm waħda li kont niffansja – ċerta Margot, li biex ninkuha konna nsejħulha Gerit. Darba minnhom, iddeċidejt li ngħidilha biex nibdew noħorġu flimkien bis-serjetà. Imma malajr ħadt xokk. It-tweġiba tagħha kienet li sejra lejn l-Awstralja. Imma xorta waħda stqarret miegħi li mhu se tinsieni qatt.

Kif jgħidu, iż-żmien ma jistenna lil ħadd. Sena wara l-oħra, minn dakinhar 'l hawn għaddew sittin minnhom. Bil-mod il-mod, il-fjamma tal-imħabba bdiet tnin għalkemm xorta waħda minn żmien għal żmien kont niftakar f'Margot. Ukoll, kont nispera li minn żmien għal żmien anke Margot tiftakar xi ftit fija.

Xi xahar ilu kont il-pjazza tal-Ħamrun inpaċpaċ ma' erba' anzjani bħali. Inħsadt meta fid-daqqa u l-ħin, mara tampari bdiet tersaq lejja ma' tifel ta' xi tnax-il sena. Ma kinitx kwalunkwe mara, u t-tnejn li aħna għarafna lil xulxin mill-ewwel. Kważi bid-dmugħ f'għajnejha qaltli li nanna ta' seba' neputijiet u l-għada kienet se terġa' tmur lura lejn l-Awstralja.

Ħadna b'idejn xulxin – dik l-għafsa kienet tiswa daqs volum ta' tifkiriet, għafsa li kien fiha ħafna memorji taż-żgħożija tal-imgħoddi.

Bid-dmugħ f'għajnejna nfridna għall-aħħar darba u ħassejt li mħabbti reġgħet tkebbset mill-ġdid.

Issa, kulma fadalli hu li noħlom.

*Leli Montfort*

Jiena Ken u llum se ngħidilkom l-istorja ta' meta kont qiegħed il-baħar naqbeż u nilgħab mal-ħbieb.

F'daqqa waħda bdejt nibża' għax ħsibtni spiċċajt waħdi iżda r-radju beda jdoqq il-mużika favorita tiegħi.

Dawwart rasi u rajt raġel bir-radju f'idu u jkanta. Dan ir-raġel qatt ma kont rajtu qabel imma leħnu ġieli smajtu għax jogħġobni jkanta. Għamilna ħbieb u bdejna mixjin flimkien sakemm wasalna ġo għar kbir u sabiħ. Kellna nibqgħu hemmhekk għax bdiet nieżla ħafna xita u bżajt li nieħdu xi tixriba. Bdejna nilagħbu flimkien u marru għajnejna bina u rqadna raqda twila.

Ħlomt li ltqajt ma' mostru u ħadni f'dinja oħra. F'daqqa waħda, erġajt smajt l-istorbju u ftakart li kont qiegħed ma' dan ir-raġel waħdi. Dan sar l-ikbar ħabib tiegħi u qatt mhu ħa ninsieh.

*Ken*

## Il-gallinar

Meta kelli xi erbatax jew ħmistax-il sena, il-mamà kellha bżonn tmur l-isptar u qabel ma marret għallmitni nagħmel il-brodu, il-minestra, l-istuffat, inqaxxar iz-zunnarija, il-patata u l-ġidra. Qabel ma marret qaltli wkoll biex nitma' lil kulħadd.

"Tiħux ħsieb, kollox naf nagħmel," weġibtha u fil-jiem li kienet l-isptar, lil ħuti tmajthom tajjeb u anke ħallejt għall-papà għal meta jiġi mix-xogħol.

Meta l-mamà ġiet lura mill-isptar, bi kburija għidtilha li kollox mar sew.

Ftit wara, telgħet fuq il-bejt u sabet it-tiġieġ mejta.

Niżlet tiġri t-taraġ u bdiet tgħajjat, "Mela t-tiġieġ ma tmajthomx?"

"Eeee, insejthom, għax m'għidtlix," weġibtha.

"Dażgur, li għidtlek," weġbitni l-mamà, "jien għidtlek itma' lil kulħadd! Mhux dejjem hekk nagħmlu s-soltu, l-ewwel nieklu aħna, imbagħad mit-tilqit tal-ikel, nitilgħu fuq il-bejt u ntuh lit-tiġieġ?"

"Għal darb'oħra, ma," għidtilha. "Hekk jew b'hekk, il-gallinar hemm se jibqa'."

*Therese Xuereb*

## Meta kont se nixtri Hyundai Pony

Mela darba, kont il-kamra ta' San Vinċenz fejn kont naħdem, nitkellem mal-kokijiet u niċċajtaw flimkien. Għidtilhom li rrid nixtri Hyundai Pony, imma għandi problema għax m'għandix fejn nagħmlu. Wieħed mill-kokijiet qalli, "Mhux kemm issib rokna fil-garaxx, dak malajr joqgħod."

Kok ieħor kien qed jissemma', u l-għada ġie fuqi, u qalli, "Illum, għall-10 mur ħdejn il-Main Gate, għax ġej raġel b'Pony." Jien mort kif qalli, imma ħdejn il-Main Gate ma rajtx Hyundai waħda. Kulma kien hemm f'rokna, raġel b'Shetland Pony, kien armat minn rasu sa saqajh, kellu rixa f'rasu u l-ġetti ma' saqajh. Jien ersaqt lejh u għidtlu, "Inti qed tistenna lil xi ħadd?"
Weġibni, "Kellu jiġi wieħed biex jixtri pony."

Dak il-ħin, mill-ewwel fhimt x'ġara, u weġibtu, "Jiena pony karozza rrid, Hyundai Pony, mhux Shetland Pony."

Meta mort ngħid lill-kok x'ġara, qalli ħsibtek li trid tixtri pony ta' veru.

Għall-inqas, tani storja li għadni nirrakkontaha sallum!

*Alfred Gauci*

Kien hemm raġel griż kien jismu Funny Teeth.

Kien hemm raġel ieħor li kien joqgħod il-Gżira
u kien jaħdem ta' pittur. Kien jismu Aaron.
Biex imur ix-xogħol kien jaqbad tal-linja.

Darba pitter siġġu iswed li Funny Teeth kien bil-qiegħda fuqu u din il-pittura saret famuża ħafna.

*Zylon*


**Niġru Ġrajja** qed jittella' minn Inizjamed.
Dan il-proġett huwa megħjun mill-Premju tal-President għall-Kreattività, ġestit konġunt mill-Uffiċċju tal-President ta' Malta u l-Kunsill Malti għall-Arti.

**Koordinatur tal-proġett:** Jean Paul Borg | **Editur tal-gazzetta:** Jean Paul Borg |
**Fotografija u Disinn tal-gazzetta:** Katel Delia | **Stampar:** Poultons Ltd

**Ħajr:** Abbass Mussa Jameah Abbass, David Schembri (St Joseph Home), Eric Ngalle Charles, Glen Calleja, Leanne Ellul, Priscilla Cassar, Raluca Colacel, Dr Ronald Fiorentino (St Vincent de Paul Long Term Care Facility), Studio Solipsis.



© Il-kontributuri | *Il-jeddijiet ta' din il-gazzetta miżmuma minn Inizjamed. Id-drittijiet tax-xogħlijiet li jidhru fil-gazzetta huma tal-awturi. Din il-gazzetta qed titqassam b'xejn bil-kundizzjoni li ma tinbiegħx u ma tiġix fotokopjata, la kif inhi u f'ebda għamla jew legatura oħra. Ma jista' jsir ebda tibdil fiha. Ebda silta minnha ma tista' tkun ippubblikata mill-ġdid jew maħruġa f'mod fotostatiku, elettroniku, mekkaniku jew irrekordjat jew b'xi mod ieħor mingħajr il-permess tal-pubblikaturi u l-awturi.*



**Kuntatt ta' Inizjamed:** info@inizjamed.org
**Is-sit ta' Inizjamed:** www.inizjamed.org www.facebook.com/inizjamed www.instagram.com/inizjamed